MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 249/2013

**Silvana Camilleri [ID. No. 842455M]**

**Vs**

**Cajetan Ghigo [ID. No. 700247M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-23 ta' April, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' mitejn euro [€200] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi permezz ta' skrittura privata datata 25 ta' Marzu 2012, l-esponenti u l-konvenut Gaetano Ghigo dahlu fi ftehim privat fejn il-partijiet qablu li l-esponenti kienet ilha tirrendi servigi lill-konvenut Ghigo u in skambju ta' dan l-esponenti kellha tibda

tirċievi hlas ta' mitejn (200) ewro fix-xahar, liema ftehim kien accetat mill-konvenut;

Illi s-servizzi li kienet tirrendi l-esponenti lill-konvenut kienu jinkludu ikel, hasil tad-dar u tal-hwejjeg u dan stante li l-konvenut kellu bżonn ta' dawn is-servizzi wara li spiċċa armel;

Illi l-esponenti dejjem irrendiet is-servizz taghha a sodisfazzjon tal-konvenut, u l-konvenut qatt ma oġġezzjona anzi dejjem hallas l-ammont li kien obbliga ruhu li jhallas lill-esponenti;

Illi l-esponenti irrendiet is-servizz taghha lill-konvenut ghax-xahar ta' Novembru 2012 a sodisfazzjoni totali tal-konvenut, u sal-livell rikjest u skond ma kienet taghmel fix-xhur preċedenti, però meta l-konvenut gie mitlub sabiex jaffettwa l-hlas ghax-xahar ta' Novembru 2012, anke permezz ta' ittra uffiċjali, il-konvenut baqa inadempjenti;

Illi l-konvenut jinsab debitur lejn l-esponenti fl-ammont ta' mitejn ewro (€200) ghas-servigi rezi fix-xahar ta' Novembru, 2012;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob li dan l-Onorabbli tribunal joghgbu:

1. Jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mitejn ewro (€200) liema ammont huwa dovut ghall-servigi diġà rezi lill-konvenut ghax-xahar ta' Novembru, 2012.

> Bl-ispejjez kollha, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 415/13 u bl-imghaxijiet mit-30 ta' Novembru 2012 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fit-3 ta' Mejju, 2013 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

> "L-ammont qieghed jiġi kontestat billi ma huwiex dovut u anzi kienet r-rikorrenti u attriċi li hadet lilu oġġetti mid-dar tal-konvenut minghajr ma kienet awtorizzata".

Ra l-ahhar verbal tal-14 ta' Frar, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghda titlob minghand l-intimat il-hlas ta' €200 ghas-servigi minnha rezi tul ix-xahar ta' Novembru 2012 u dan skond ftehim privat iffirmat bejn il-partijiet fil-25 ta' Marzu, 2012. L-intimat da parti tieghu laqa' ghal din it-talba billi stqarr li l-ammont qieghed jiġi kontestat billi ma huwiex dovut u oltre dan l-istess rikorrenti kienet haditlu diversi oġġetti minn daru minghajr ma kienet hekk awtorizzata.

Ikkunsidra;

2. Illi skond ma jirrizulta mill-iskrittura datata 25 ta' Marzu, 2012, il-partijiet kienu qablu li r-rikorrenti kienet "*... qed iddur u tindokkra lil Ghigo u ilha taghmel dan mill-ewwel ta' Marzu 2012*" u li "*in kontrakambju ghas-servigi li qed jiġu resi kif fuq spjegat Ghago* [recte: Ghigo] *jintrabat u jobbliga ruhhu li jhallas is-somma ta' 200 euro fix-xaghar* [recte: xahar] *u Camilleri taccetta*" (fol. 8).

3. **Ir-rikorrenti** bdiet biex qalet li hija kienet iffirmat l-iskrittura hawn fuq imsemmija fil-25 ta' Marzu, 2012 u dan sabiex hija tahsillu l-hwejjeg darbtejn fil-gimgha u tipprovdilu żewġ ikliet kuljum. Dan is-servizz, kompliet tghid ir-rikorrenti, hija baqghet tipprovdih sa Novembru, 2012. Minkejja dan il-ftehim, hija baqghet ma thallsitx ghax-xahar ta' Novembru, 2012.

   Dawn il-€200, tghid ir-rikorrenti, l-intimat kien jaghtihomlha mill-pensjoni li kien jirċievi l-bank.

   Gara li f'Novembru, 2012 inqala inċident. Tghid li fl-14 ta' Novembru, 2012 hija kellha tmur l-Isptar bejn it-8:00a.m. u s-1:00p.m. Dak-in-nhar, hija ma kienitx lestiet l-ikel lill-intimat. Qalet li dak-in-nhar, lanqas filghaxija ma kien mar ghandha ghal ikel. L-ghada, l-intimat kien mar ghandha ghal ikla ta' nofsinhar filwaqt li meta reggha mar filghaxija, huwa kien ha lill-hutu mieghu. Dak il-hin, hija ma kienitx id-dar iżda kienet ghand il-habiba taghha Maria Dolores Frendo. Sussegwentement, tkompli tghid ir-rikorrenti, l-intimat u hutu marru ghand din Frendo u hi infurmatha li kien hemm l-intimat u hutu.

   Mistoqsija jekk hi kellhiex affarijiet u oġġetti appartenenti lill-intimat ghandha, r-rikorrenti qalet li huwa kien miżżewweġ lill-ohtha u li "*... l-intimat kien zarma d-dar tieghu u ha l-affarijiet fid-dar tieghi ġewwa l-Hamrun*" (fol. 13).

   X'hin harget barra minghand Maria Dolores Frendo biex tkellem lill-intimat u lill-hutu, hi marret ma oht l-intimat ġewwa darha fil-Hamrun u "... *oht l-intimat hadet hafna mill-affarijiet illi kien gab ghandi l-intimat*" (fol. 14). Stqarret li hija

ghad fadlilha xi affarijiet li huma proprjetà ta’ l-intimat u ta’ martu, li tiġi ohtha. Dawn l-affarijiet, tghid ir-rikorrenti, baqghet ma tathomlux lill-intimat.

Qalet li s-Sibt, u cioe tlett (3) ijiem wara li kienet marret l-Isptar, kien reggha mar l-intimat ghandha flimkien ma hutu biex ikompli jiehu l-ahhar ftit affarijiet tieghu. Dak-in-nhar, r-rikorrenti, ċemplet lill-Pulizija. Ir-rikorrenti qalet li “*... l-intimat kien miżżewweġ lill-ohti u jiena ghandi dritt illi jkolli rikordju ta’ ohti ghalhekk qeghda nzomm dawn l-affarijiet*” (fol. 14).

Mistoqsija mit-Tribunal jekk hi tatx is-servizz taghha lill-intimat ghax-xahar ta’ Novembru, 2012, r-rikorrenti stqarret li hija taghtu “*... s-servizz li konna ftehmna dwaru sas-sittax (16) ta’ Marzu* [recte: Novembru] *u cioe dakinhar li gie flimkien ma hutu ghand il-habiba tieghi Mrs. Frendo. Wara dakinhar waqqaft is-servizz li kont qeghda naghtih*” (fol. 14).

In kontro-ezami, r-rikorrenti qalet li hija qeghda iżżomm ghandha “*... tlett statwi u tlett borom*” (fol. 14). Il-borom, tghid ir-rikorrenti qeghda tużahom. Mistoqsija minn kien il-werriet ta’ ohtha, r-rikorrenti stqarret li kien l-intimat. Ir-rikorrenti qalet ukoll li hija kienet hadet lill-intimat ghand it-Tabib Mark Rosso l-ghaliex kienet qeghda tinkwieta ghalih u fil-fatt dan imbaghad ghamel *referral* lill-psikjatra Dr. David Cassar sabiex ikun jista jaghmel *assessement* tieghu ghall-testment. In sostenn ta’ dan, hija esebiet ċertifikat rilaxxat mit-Tabib Rosso f’dan ir-rigward. Mistoqsija jekk hija kienitx hadet lill-intimat ghand it-Tabib Rosso l-ghaliex riedet lill-intimat jaghmel it-testment tieghu fuqha, r-rikorrenti cahdet dan il-fatt.

Ghar-rigward tal-mod kif kienet tirċievi l-hlas, ir-rikorrenti qalet li hi kienet tirċievi dan l-ammont minghand l-intimat malli tidhol il-pensjoni tieghu. Mistoqsija x’kienet taghmel biex tirċievi l-hlas, hija qalet li kienet tmur il-bank ma’ l-intimat u huwa kien jiġbed il-flus. Mistoqsija jekk qattx marret il-bank wahedha biex tiġbed xi flejjes, hija wieġbet fin-negattiv. Stqarret però li kienet hi li kienet tiehu hsieb il-kontijiet bankarji tal-intimat. Ghalqet billi qalet li

"*jiena mitejn euro biss kont niġbed il-kumplament kienu jkunu flus ghall-intimat*" (fol. 25C).

4. **Maria Dolores Frendo** xehdet u qalet li hija habiba tar-rikorrenti u taf bhala fatt li l-intimat kien imur jiekol ghand ir-rikorrenti darbtejn kuljum. Dan tafu, kompliet tghid ix-xhud, "... *l-ghaliex kemm il-darba kien jiġi ghandi ghar-rikorrenti meta kienet tkun qeghda hemmhekk*" (fol. 16). Dwar dak-in-nhar li l-intimat u hutu marru ghandha biex ifittxu lir-rikorrenti, x-xhud tghid li oht l-intimat kienet qalet lir-rikorrenti "*dik il-bicca ross tajtu lil hija raġel bhal dak*" (fol. 16). Qalet li r-rikorrenti kienet tghidilha li lill-intimat hija kienet issajjarlu fniek, hut u tiġieġ u anke meta kien ikollha bżonn tmur l-iSptar, hija kienet tehodlu l-ikel qabel ma tmur. Qalet ukoll li wara dak-in-nhar li hut l-intimat u l-istess intimat marru ghandha, r-rikorrenti ma baqghatx tippresta s-servizzi taghha lill-intimat.

5. **Antoinette Abela**, oht l-intimat qalet li huma bhala familja viċin hafna ta' xulxin. Kompliet tghid li meta ġiet nieqsa l-mara ta' l-intimat, kien hemm mara li kienet tghix fil-post ta' tahtu li kienet tiehu hsiebu iżda mbaghad wara li dahlet fix-xena r-rikorrenti, din ma baqghetx tiehu hsieb lill-intimat. Hija qalet ukoll li flimkien ma huwa Charlie Ghigo ghamlu gimgha josservaw lill-intimat. Kienu jarawh imur id-*day centre* u f'okkazzjoni minnhom kienet ratlu timpana f'idejh. L-intimat kien qalilha li huwa ha din it-timpana d-*day centre* sabiex ikun jista jsahhana. In kontro-ezami, x-xhud tispjega li din l-osservazzjoni bdew jaghmluha fl-ahhar gimgha ta' qabel ma r-rikorrenti spiċċat tippresta s-servizzi taghha lilu. Qalet li l-intimat kien qalilha li huwa kien imur ghand ir-rikorrenti ghal habta ta' xi l-11:30a.m. u kien jiekol minghandha. Tghid li l-intimat lilha qalilha li r-rikorrenti kienet taghtih "*... timpani jew torti*" (fol. 17). Qalet ukoll li l-intimat kien imur darba kuljum ghand ir-rikorrenti u mhux darbtejn u dan peress li filghaxija hija kienet tmur ghand is-sorijiet. Ziedet tghid li bhala fatt taf li r-rikorrenti kienet tahsel il-hwejjeg ta' l-intimat però l-ahhar hasla kienu ghamluha huma u mhux ir-rikorrenti.

Dwar dak-in-nhar li hi, hutha u l-intimat kienu marru ghand Maria Dolores Fenech, ix-xhud qalet li hi kienet talbitha sabiex tirritorna lura l-affarijiet li hi

kellha u li kienu proprjetà tal-intimat. Fil-fatt, huma marru ghand ir-rikorrenti u minn hemm garrew van mimli affarijiet. Qalet li r-rikorrenti però ma taghthomx kollox.

Stqarret ukoll li "*lejn l-ahhar ta' meta kienu qeghdin flimkien ir-rikorrenti u l-intimat hija kien qalli illi r-rikorrenti ma kinitx qeghda timxi sew mieghu, kienet itih l-ikel u titlaq lil hemm*" (fol. 17).

6. **Frances Esposito**, il-gara tal-intimat qalet li mart l-intimat kienet rabbietha hi u li kienet taf sew kemm lill-intimat kif ukoll lill-martu. Qalet ukoll li hija midhla sew ta' l-intimat u taf "*... x'kien fiha bejn wiehed u iehor id-dar tieghu bhala oggetti*" (fol. 25A). Mistoqsija jekk kienux naqsu xi affarijiet mid-dar wara li kienet ġiet nieqsa mart l-intimat, ix-xhud qalet li hija qatt ma rat lil hadd igorr xi affarijiet però stqarret li "*... affarijiet naqsu zgur*" (fol. 25A). Mistoqsija mit-Tribunal x'kien ghad fadal oġġetti li ma kinux regghu gew ritornati hija qalet li "*... kien hemm borom fil-fatt kellhom jergghu jixtru l-borom, xi ložor ġodda u xi fajjenza bhal važuni zghar etc. Ghar-rigward ta' affarijiet ohra ma nafx nghidlek*" (fol. 25A).

7. **Audrey Ghigo**, rappreżentanta tal-HSBC Bank Malta p.l.c. xehdet u qalet li l-intimat ghandu kont wiehed attiv u esebiet l-*istatement* relattiv. Meta ġiet mitluba tghid min minn kienu saru xi *withdrawals* li taghhom kienet inghatat id-dati fis-seduta tal-21 ta' Novembru, 2013, ix-xhud qalet li dawn il-*withdrawals* saru kollha minn ATM *machine* u l-bank ma jkollhux kopja tal-*withdrawal receipts* relattivi. Esebiet però *withdrawal receipt* datata 28 ta' Novembru, 2012 l-ghaliex il-gbid tal-flus ma sarx minn ATM *machine*. Dan l-ammont, skond ma jirrizulta mill-karta ta' l-identita miktuba taht il-firma li tinsab fuq dan id-dokument, inġibed mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

8. Jirrizulta li s-servizzi li r-rikorrenti kienet tippresta lill-intimat kienu gew terminati fis-16 ta' Novembru, 2012. Allura jekk xejn, it-talba tar-rikorrenti ma tistax tkun ghas-somma ta' mitejn euro (€200) iżda kellha tkun ghal mija u sitt euro (€106)[1]. F'nofs ix-xahar ta' Novembru, 2012 inqala diverbju bejn il-partijiet u s-servizz li kienet qeghda tipprovdi r-rikorrenti lill-intimat, kif diġà inghad, intemm hesrem.

9. L-intimat fir-risposta tieghu jghid li *"l-ammont qieghed jiġi kontestat billi ma huwiex dovut u anzi kienet r-rikorrenti u attriċi li hadet lilu oġġetti mid-dar tal-konvenut minghajr ma kienet awtorizzata"*. In sostenn ta' dan, l-intimat ressaq lill-gara tieghu Frances Esposito li bdiet biex tghid li mart l-intimat, illum nieqsa, kienet rabbietha hi u li kienet taf sew kemm lill-intimat kif ukoll lill-martu. Qalet ukoll li hija midhla sew ta' l-intimat u taf *"... x'kien fiha bejn wiehed u iehor id-dar tieghu bhala oggetti"* (fol. 25A). Meta ġiet mistoqsija jekk kienux naqsu xi affarijiet mid-dar wara li kienet ġiet nieqsa mart l-intimat, ix-xhud qalet li hija qatt ma rat lil hadd igorr xi affarijiet però stqarret li *"... affarijiet naqsu zgur"* (fol. 25A). Mistoqsija mit-Tribunal x'kien ghad fadal oġġetti li ma kinux regghu gew ritornati hija qalet li *"... kien hemm borom fil-fatt kellhom jergghu jixtru l-borom, xi lożor ġodda u xi fajjenza bhal vażuni zghar etc. Ghar-rigward ta' affarijiet ohra ma nafx nghidlek"* (fol. 25A). Ir-rikorrenti stess, fid-deposizzjoni taghha tistqarr li hija kellha fil-pussess taghha diversi oggetti li kienu proprjetà ta' l-intimat u martu. Mart l-intimat tiġi oht ir-rikorrenti. Hija tilqa ghax-xilja maghmula lilha li kienet hadet dawn l-oggetti minghajr l-awtorizzazzjoni ta' l-intimat billi qalet li *"... l-intimat kien zarma d-dar tieghu u ha l-affarijiet fid-dar tieghi ġewwa l-Hamrun"* (fol. 13). Il-maggor parti ta' dawn l-oggetti però regghu gew ritornati lura lill-intimat f'Novembru, 2012 meta huwa flimkien ma hutu marru u hadu. Pero kompliet tghid ir-rikorrenti hija ghad fadlilha xi affarijiet li huma proprjetà ta' l-intimat u ta' martu, li kif diġà rajna tiġi ohtha. Dawn l-affarijiet, stqarret ir-rikorrenti, baqghet ma tathomx lill-intimat anzi qalet li *"... l-intimat kien miżżewweġ lill-ohti u jiena ghandi dritt illi jkolli rikordju ta' ohti ghalhekk qeghda nzomm dawn l-affarijiet"* (fol. 14). Fil-kontro-ezami taghha, l-intimat qalet li hi kien ghad fadlilha *"... tlett statwi u tlett borom"* (fol. 14). Dawn il-borom kienet ghadha qeghda tużahom. Jirrizulta

[1] €200 fix-xahar diviżi bi tletin ġurnata jiġu €6.67c li multiplikati b'sittax-il ġurnata jiġu €106.67c. It-Tribunal qieghed jirriduċi dan l-ammont ghal €106.

ghalhekk, mix-xhieda taghha stess illi hija qeghda iżżomm oggetti ghandha proprjetà ta' l-intimat u li hi ma ghandha l-ebda dritt ghalihom.

10. Mehud in konsiderazzjoni li l-ammont reklamat mir-rikorrenti kellu jkun ta' mija u sitt euro (€106) u mhux mitejn euro (€200) peress li hija ma pprestatx is-servizzi li kienet obbligat ruhha li taghmel bl-iskrittura datata 25 ta' Marzu, 2012 ghax-xahar kollhu ta' Novembru, 2012 u mehud in konsiderazzjoni ghal fatt li r-rikorrenti ammettiet hi stess li ghad fadlilha oggetti proprjetà tal-intimat u martu u li hi ma kellha l-ebda dritt iżżommhom ġaladarba l-werriet ta' ohtha kien l-intimat, allura t-Tribunal mhux ser jilqa t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement sejjer jichadha l-ghaliex b'dawk l-oggetti li żammet fil-pussess taghha u li huma proprjetà tal-intimat, kull pretiza li kellha ġiet sodisfatta bil-valur taghhom.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa l-eccezzjoni ta' l-intimat jichad it-talba tar-rikorrenti.

L-ispejjez huma kollha a kariku tar-rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------